MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1074/2006

**Mario Mifsud**
**(ID 494959 M)**

**Vs**

**Alexander Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Dicembru, 2006, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur, is-somma ta' sitt mija u hamsin lira Lm650 (illum Euro 1,514.09), rapprezentanti prezz ta` vettura mibjugha mill-konvenut lill-attur bl-intendiment li ta` l-ahhar ighaddilu l-pjanci hekk kif ihallsu ghas-saldu, l-imsemmi korrispettiv, liema pjanci mhux talli baqghu ma nghatawx wara l-istess hlas izda l-vettura in kwistjoni giet sekwestrata mill-Pulizija peress li rrizultat misruqa u dana a tenur ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Mag. Dr Anthony Vella) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali datata 4 ta` Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-pagament ta` l-imsemmija vettura kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datat 18 ta` Lulju, 2007, in forza ta` liema kkontesta t-talbiet ta` l-attur in kwantu fl-ewwel lok eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta` l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u fit-tieni lok u fil-meritu jsostni li l-vettura kienet inbieghet ghal finijiet ta` parts u kwindi qatt ma nkariga ruhu li jghaddilu wkoll il-pjanci taghha.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu in sostenn tal-kontestazzjoni ntavolata minnu, huwa naqas li jaghmel dan.

U peress illi l-konvenut baqa` ma deherx la fis-seduta tal-21 ta` Jannar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti u x-xhieda moghtija bil-gurament mill-attur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jirrespingi l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u fit-tieni lok u fil-meritu qieghed ukoll jirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra avvanzati mill-konvenut, kwindi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement

jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, is-somma kif rikjesta, fl-ammont ta` €1,514.09 (Euros) gia Lm650, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------